**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Rita Farrugia**

Illum 16 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Rita Farrugia bint il-mejjet Jack u Pawla xebba Portelli li toqghod fil-fond nru 20, Triq Qala, Nadur, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 81548G), kif riportata a fol 1 tal-process bil-mod segwenti:

> Talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala proprjetarja tal-fond nru 20, Triq Qala, Nadur, Ghawdex u bhala persuna li fuqek huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta` kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta` jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommettejt serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghal mhux iktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10.00c), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz. Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tal-15 ta' Jannar 1999 skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kawza kontra l-imputata tkun trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputata ddikjarata li m'ghandhiex oggezzjoni li l-kawza taghha tkun trattata bl-istess procedura;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti f'dini l-kawza kienu s-segwenti:

**Process Verbal numru 8004**: Dan il-process kien jikkontjeni relazzjoni ta' l-espert tekniku Philip Zammit li kkonferma r-relazzjoni tieghu bil-gurament sia quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll quddiem din il-Qorti (Fol 33). L-espert tekniku rrelata bil-mod segwenti wara li ghamel dawn il-konstatazzjonijiet:

"Fil-kors ta' l-Access …… [kien] innotat li l-fond numru 20, Qala Road, Nadur kien ghadu fi stat ta' kostruzzjoni cioe` gebel u saqaf u kienu ghadhom qed isiru xi xogholijiet go fih. Dan il-fond ma kienx mghammar b'aperturi esterni.

"Illi fil-garaxx ta' dan il-fond kien hemm installata Service Box liema Service Box kellha s-sigilli kollha neqsin minnha;

"Illi ikkomunikati ma' din is-Service Box kien hemm Main Switch u three pin plug socket. Ma' din it-three pin socket kien hemm ikkomunikat maghha extension wire u ma' din l-extension kien hemm ikkomunikat dritter ta' l-elettriku;

"Illi s-Service Box u l-Main Switch aktar 'il fuq deskritt kienu imsakkrin go armarju;

"Illi l-provvista tal-kurrent elettriku li biha kien supplit dan is-Service Box kien maqtugh minn barra t-triq;

"Illi fil-prezenza ta' l-esponent din il-provvista ta' l-elettriku giet ikkomunikata minn barra u l-esponent osserva li s-Service Box u l-Main Switch li kien hemm f'dan il-garage [kienu] suppliti bil-kurrent elettriku.

……

"Illi ma' din is-Service Box ma kienx hemm installat Meter ta' l-elettriku u dan ifisser li l-konsum ta' l-elettriku li kien konsmat min din l-istallazzjoni ma kienx qed [ikun] registrat.

…….

"Illi minn din is-Service Box ma kienx hemm installat Meter ta' l-elettriku u dan ifisser li l-konsum ta' l-elettriku li kien .. konsmat mindin l-istallazzjoni ma kienx qed [ikun] registrat.

…….

L-espert b'hekk ikkonkluda illi kien qed isir serq tal-kurrent elettriku meta kien jitqabbad xi apparat ta' l-elettriku. Ma saret l-ebda hsara lill-apparat ta' l-EneMalta f'dan l-uzu illecitu.

**PS 231 Carmel Xerri** qal illi kien mar fuq il-post u ra s-Service Box mqabbda mal-kurrent elettriku mal-cable tat-triq permezz ta' zewg wires u l-istess ikkonferma PC 1157 Michael Angelo Calleja.

**Silvio Decelis** ufficcjal tal-Korporazzjoni EneMalta, qal li l-korporazzjoni ma jkollha ebda records f'kazijiet ta' konsum illecitu meta ma jkunx hemm meter stallat. Mill-informazzjoni li kellu, fuq il-post instab drill ta' l-elettriku li jikkonsma ammont negligibbli ta' kurrent.

**Charles Fenech** impjegat ta' l-EneMalta, xehed illi wara surprise inspection fil-fond in kwistjoni sab illi certu Grezzju Sultana, kahhal u kien hemm consumer unit imqabbad dirett minn gol-meter go service box. Din il-kaxxa normalment tkun stallata mill-EneMalta izda mhux minghajr meter. Huwa cahad li f'dak iz-zminijiet kien ikun stallat meter temporanju fuq construction sites li jinbidel ma' wiehed permanenti sussegwentement.

**Pierre Cauchi** ma tefa l-ebda hjiel fuq dan il-kaz.

**Paul Attard** xehed illi huwa tqabbad mill-Korporazzjoni sabiex jaqta' d-dawl bejn service box u l-main tad-dawl. "Jien x'hin tlajt is-service box kien imqabbad. In-neutral kien imqabbad kif is-soltu nqabbduh ahna, pero` l-phase kien imgerfex mhux kif inqabbduh ahna, mhux xi hadd minn taghna". Dan ix-xhud izda qal illi l-wire huwa tal-Korporazzjoni u li probabilment dak is-service kien hemm qabel u nqata' u baqa' imdendel hemm.

**L-Avukat Dr Michael Grech** xehed u qal li kien innominat mill-Magistrat Inkwirenti biex jirregistra d-depozizzjonijiet tax-xhieda li huma ndikati fir-relazzjoni tieghu. Dawn l-istess persuni xehdu quddiem din il-Qorti u spunt ta' l-istess depozizzjonijiet ser jinghataw hawn taht.

**Grezzju Sultana** xehed illi kien qed jahdem bhala bajjad fil-garage fuq inkarigu ta' Rita Farrugia u gie fuqu wiehed Malti u nfurmah li ried jara l-kaxxa tad-dawl.

**L-Inginier George Portelli** xehed illi minn ricerka li ghamel irrizultalu li fil-fond in kwistjoni kien hemm meter temporanju stallat fil-5 t'Awissu 1992 u tnehha fit-13 ta' Settembru ta' l-1993 u dan dejjem fuq applikazzjoni ta' Rita Farrugia.

In difeza xehed ir-**Rev. Mons Thomas Curmi** li qal li kien waqt il-bini ta' dar gdida fuq is-sit in kwistjoni kien applika ghall-meter temporanju f'isem l-imputata meta kien ghadu hemm il-bennej. Wara li l-bennej lesta mix-xoghol tieghu kien talab li jitnehha l-kurrent. Ma kienx ftiehem mal-bennej kif dan kellu jiehu elettriku ghax-xoghol tieghu.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti huwa nkontestat illi l-imputata kellha registrat f'isimha meter tad-dawl temporanju fil-fond in kwistjoni izda wara li nbniet il-kostruzzjoni konsistenti f'dar din talbet li jitnehha s-servizz u hekk sar. Gara illi l-haddiema ta' l-EneMalta nehhew il-meter izda hallew il-wire mqabbad mall-hajt u mnehhi minn mal-komunikazzjoni tal-linji tat-triq. Ix-xhud Grezzju Sultana li kien imqabbad mill-imputata biex jaghmel xi xoghol fil-fond qal li ma kienx sar diskors dwar minn fejn kien ser jiehu d-dawl u ragjonevolment peress illi kien hemm kurrent elettriku fil-fond u fil-fatt kellu l-apparat tieghu kkomunikat mall-kaxxa li kien hemm fil-fond. Il-Qorti hi tal-fehma illi b'hekk il-kaz huwa pruvat.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputata hatja;

Wara li rat l-Artikoli 263, 264, 278 u 325 (d) tal-Kap 9;

Tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum ai termini ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152.

Tobbligaha thallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur